**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**Vs**

**Carmel Muscat**

**Att ta' Akkuza numru 3/2022/1**

**Illum, 10 ta' Settembru 2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **CARMEL MUSCAT,** ta' 52 sena, iben Raphael u Maria nee' Tabone, imwieled l-Imtarfa nhar l-14 ta' Diċembru 1969, residenti 6, Sur San Pawl, Bormla u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru **259770M** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubbblika ta' Malta jgħid:

**L-EWWEL (1) KAP**

*Stupru Vjolenti ta' Shirley Micallef*

**Il-fatti:**

Illi ċirca s-sena elf disgħa mija u sitta u disgħin (1996) l-akkużat **Carmel Muscat** beda relazzjoni ma' ċerta Shirley Micallef, mara li dak iz-zmien kellha tifla żgħira ta' sentejn. Minn din ir-relazzjoni twieldu tlett (3) itfal ohra, bl-aħħar tifla titlef ħajjitha. Tul l-erbgħa u għoxrin (24) sena flimkien, inqalaw diversi problemi u r-relazzjoni tagħhom idditterjorat b'tali mod li f'Marzu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) intemm kollox. Madanakollox, bejn il-wieħed u għoxrin (21) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju

tas-sena elfejn u għoxrin (2020) huma għamlu tentattiv ieħor sabiex isalvaw ir-relazzjoni tagħhom;

ILLI, ġara iżda li f'ġurnata partikolari propju nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), wara li l-akkużat Carmel Muscat u Shirley Micallef qattgħu nofs ta' nhar flimkien il-baħar iddeċidew li wara jmorru flimkien ġewwa l-gym li jinsab Haz-Zebbuġ, liema gym huwa propjeta' tat-tifel tagħhom Joshua Muscat.

ILLI, fi triqithom lejn il-gym, l-akkużat Carmel Muscat beda jikkritika l-apparenza ta' Shirley Micallef fejn addirittura ssuggerilha li kien ikun aħjar li kieku tibda tagħmel xi eżerċizzji u għalhekk, sakemm l-akkuzat Carmel Muscat illarga, Shirley Micallef bdiet tagħmel xi eżerċizzji li kienet rat fuq l-app ta' Youtube, iżda dawn l-eżerċizzji ma tantx damu għaddejjin peress li hekk kif l-akkużat Carmel Muscat irritorna u ra lill-Shirley Micallef tagħmel dawn l-eżercizzji nfexx f'dagħdija ta' għajjat u tgħajjir u mistoqsijiet persistenti rigward min kien il-persuna li għallimha dawn l-eżerċizzji, u dana fid-dawl tal-fatt li Shirley Micallef fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' April, elfejn u għoxrin (2020) u ċioe, meta ma kienux għadhom flimkien, hija għamlet *like* fuq ritratt ta' bniedem maskili fuq l-app ta' Facebook;

ILLI, Shirley Micallef, ħassitha mweġġa b'dan l-atteġġjament u diskors aggressiv fil-konfront tagħha, tant li offriet li turih minn fuq il-mobile tagħha, il-filmati li ħadet minn fuq YouTube. Wara li Shirley Micallef, talbitu repetutament sabiex jieqaf jgħid dan id-diskors dispreġġjattiv fil-konfront tagħha bl-akkużat jerġa' jallarga, fejn hawnhekk Shirley Micallef poġġiet bilqiegħda fuq banketta żgħira, bl-akkużat **Carmel Muscat** jirritorna rrabjat u f'daqqa waħda ħareġ sikkina, qisha mus, minn ġewwa kexxun, jhedded lil Shirley Micallef illi sejjer joqtol lilu nnifsu b'idejh jekk titilqu. Illi meta Shirley Micallef rat dan l-atteġjament, ġibdet is-sikkina minn idejh sabiex tevita li s-sitwazzjoni tispiċċa fi traġedija bil-konsegwenza li spiċċat ingirfet f'idejha fin-naha tax-xellug. Illi l-akkużat **Carmel Muscat** approfitta ruhu minn din is-sitwazzjoni billi dawwar din ix-xena favurih, qabad il-mobile tiegħu beda jirrekordja lil Shirley

Micallef u ċioe' l-girfa li għamlet fuqha nnifisha hi u tigbed din is-sikkina u dan sabiex jagħmel ta' bir-ruhu li salva lil Shirley Micallef milli tneħħi ħajjitha b'idejha;

ILLI, wara li l-akkużat **Carmel Muscat** gideb dan il-filmat sabiex jiddiskredita' lil Shirley Micallef, huwa taħa daqqa ta' ponn fuq wara ta' rasha, appena Shirley Micallef qamet minn din id-daqqa sabiex tiegħu nifs, qaltlu sabiex iħassar il-filmat intimu li kienu ħadu huma t-tnejn minn fuq il-mobile tiegħu xi żmien qabel, ir-reazzjoni tal-akkużat **Carmel Muscat** għal din it-talba kienet li jerġa' jtiha daqqa oħra ntenzjonament propju fuq wara ta' rasha, peress li bħala *coach* tal-*boxing*, kellu għarfien tajjeb ta' fejn għandha tingħata daqqa ta' ponn biex ma tidhirx fuq il-ġisem;

ILLI, sadanittant, l-akkużat **Carmel Muscat** ħa l-*mobile phone* ta' Shirley Micallef sabiex jara u jivverifika lil min kienet qiegħda tkellem fil-perjodu li huma ma kienux f'relazzjoni flimkien. Għalkemm Shirley Micallef xtaqet li jirritornalha l-mobile phone sabiex iċċempel lit-tifel tagħhom u tgħidlu jiġborha mill-gym, l-akkużat **Carmel Muscat**, infexx billi kompla jsawwatha f'dirgħajha u anke f'daharha ġol-kantuniera tar-ring biex b'hekk Shirley Micallef ma kellhiex fejn taħrab mis-sitwazzjoni;

ILLI, Shirley Micallef, kellha tgħatti wiċċha b'dirgħajha ġol-imsemmija kantuniera tar-ring fejn hemmhekk hi kompliet taqla' daqqiet ta' ponn fuq rasha u dana sabiex zgur ma tieħux il-mobile phone tagħha biex iċċempel lit-tifel sabiex jigi ghaliha;

ILLI, sussegwentement, l-akkużat Carmel Muscat ġibed lil Shirley Micallef minn xagħarha b'dana li waqgħet mal-art, bit-tisbita Shirley Micallef kważi intilfet minn sensiha, x'ħin talbet għall-għajnuna ġiet milqugħa bi kliem oxxen. Illi meta Shirley Micallef ipprovat titħarrek lejn it-toilet minħabba li ma kienetx qed tħossa tajjeb bid-dardir li qabadha, kif appena niżlet rasha ġot-toilet, l-akkużat Carmel Muscat reġa', għal darb'oħra, ġibidha minn xagħarha, telgħalha l-istonku u reġgħet irħit lejn il-boxing ring għal fuq is-saqqijiet fejn hi ntefgħet la ġenba bla saħħa;

ILLI, Shirley Micallef, għalkemm kienet imkissra u bla saħħa xorta waħda ma kellhiex fejn taħrab billi l-akkużat Carmel Muscat kien sakkarha ġewwa l-gym u ma kien ser iħalliha toħroġ biss fl-erbgħa ta' filgħodu (04:00) u dan stante illi huwa kien għamel l-alarm tiegħu għal dak il-ħin;

ILLI, Shirley Micallef, talbitu bil-ħniena sabiex iwassalha lura lejn id-dar, l-akkużat xegħel fuq il-*mobile phone* tiegħu l-filmat intimu li kienu għamlu bejniethom, dawwar lil Shirley Micallef fuq daharha, ressqilha l-qalziet ta' taht, intefa' fuqha u stupraha u cioe' kellu konġungiment karnali magħha b'mod komplut kontra l-volonta' tagħha;

ILLI malli lesta minn dan l-istupru moqżież, l-akkużat **Carmel Muscat** wassalha d-dar tagħha ġewwa r-Rabat daqs li kieku qatt ma kien xejn, anzi ħoloq din il-*messa in scena* li t-tbenġil li kellha kien riżultat ta' logħob fil-baħar;

ILLI, fix-xiehda tagħha l-vittma Shirley Micallef sostniet li dan l-istupru ma kienx l-ewwel darba li sehh, għaliex meta l-akkużat **Carmel Muscat** kien ikun taħt l-effett tal-alkohol, kien iġiegħelha tagħmel atti sesswali kemm fuqu nnifsu jew fuqha u dan stante illi, hekk kif ammetta kemm il-darba hu stess ma' Shirley Micallef, kien jikkunsidra lilu nnifsu bħala *sex addict*. Illi l-istupru kien isir billi, għalkemm Shirley Micallef kienet turih biċ-ċar illi mhux interessata u mhux qed tagħti l-kunsens tagħha, xorta waħda kien jippenetraha b'subajh, għalxejn tressaqlu idu u għalxejn tgħidlu le, b'konsegwenza ta' dan li Shirley Micallef kienet tagħmel gurnata muġugħa;

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

ILLI, għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Carmel Muscat** sar ħati ta' **<u>stupru aggravat</u>**, u cioe' talli fil-ġranet, ġimgħat, xhur u snin ta' qabel it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), ġewwa l-gżejjer Maltin, mingħajr kunsens, **<u>ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali b'xi parti ta' ġismu, fuq il-persuna ta' Shirley Micallef,</u>** b'dana illi tali stupru huwa wieħed aggravate *stante* li l-vittma Shirley Micallef, għandha tlett ulied minn tiegħu kif ukoll kienet tgħix miegħu

matul il-perjodu ta' qabel ir-reat kif ukoll liema stupru, hekk kif appena aċċennat, sar ripetutament u f'okkażżjoni minnhom b'mod vjolenti;

**L-akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubbllika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carmel Muscat**, ħati ta' **stupru**, u ċioe' **ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali b'xi parti ta' ġismu, fuq il-persuna ta' Shirley Micallef**, b'dan illi tali stupru huwa wieħed aggravat stante li l-vittma Shirley Micallef, għandha tlett ulied minn tiegħu kif ukoll kienet tgħix miegħu matul il-perjodu ta' qabel ir-reat, liema stupru sar ripetutament u b'offiża fuq il-persuna tagħha.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentament l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carmel Muscat** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn seba' (7) snin sa tletin (30) sena**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 198, 202(f)(h)(iv)(v)(j), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TIENI (2) KAP**

***Biża' ta' vjolenza***

**Il-fatti:**

ILLI, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija, inħolqot il-biża f' Shirley Micallef li ser tintuża l-vjolenza fuqha, tant u hekk li, kif stqarret fix-xhieda tagħha, dakinhar li ġiet stuprata tant kemm inħakkmet minn biża' li l-akkużat Carmel Muscat kien ser jibqa' ikun vjolenti magħha, dana tenut kont tal-fatt ukoll li kellu ċ-ċavetta tad-dar tal-ġenituri u t-tfal tagħha, li ddeċidiet li tibqa' siekta kif ukoll li tibqa' tkellmu daqs li kieku qatt ma ġara xejn u saħansitra wegħditu li mhi ser tgħid xejn lil ħadd b'dak li kien għadu kif ġara;

ILLI, meta finalment Shirley Muscat marret tagħmel rapport lill-Pulizija fuq il-ġriehi li soffriet waqt li ġiet stuprata, xorta waħda ma qalitx lil Pulizija b'dak kollu li kienet għaddiet minnu minħabba din il-biża' li kienet qed isoffri minnha, primarjament kaġun tat-theddid u r-rikatt kontinwu fejn kien saħansitra jgħidilha li jrid iħammrilha wiċċha.

ILLI saħansitra, fil-perjodu ta' meta l-akkużat **Carmel Muscat** u Shirley Micallef ma kienux flimkien, f'okkażżjoni minnhom sabitu ma wiċċha fejn il-foss tal-Imdina, b'dana li baqa' miexi warajha sakemm Shirley kellha ċċedi u tieqaf tkellmu biex tara għaliex kien qed jibqa' isegwiha, fejn weġibha li kien qiegħed hemmhekk sabiex jirranġaw ir-relazzjoni tagħhom. Illi kien propju f'din l-okkażżjoni, li l-akkużat **Carmel Muscat** infexx f'tgħajjir u kliem dispregjattiv meta Shirley Micallef kontinwament baqgħet tirrifjuta l-avvanzi ripetuti tiegħu. Illi dan l-atteġġjament tal-akkużat fil-konfront tagħha tant bezzagħha li bil-fixkla u l-biża' spiċċat qasmet it-triq bl-addoċċ biex taharbu, b'tali mod li poġġiet ħajjitha f'riskju u periklu ċar.

ILLI barra minn hekk, f'diversi okkażżjonijiet, Shirley Micallef, għalkemm għal xi raġuni jew oħra ma kienitx tkun trid tipparteċipa f'attivitajiet sesswali mal-akkużat **Carmel Muscat**, xorta waħda kienet tkun kostretta tħalli dawn l-atti jiġru bil-biża' li jekk ma jseħħux kien ikun hemm konsegwenzi ulterjuri koroh.

**Il-konsegwenzi:**

ILLI għalhekk, bl-għemil u l-imgieba tiegħu, l-akkużat **Carmel Muscat** sar hati talli fil-ġranet, ġimgħat, xhur u snin ta' qabel it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), ġewwa l-gżejjer ta' Malta, **ikkaġuna lil Shirley Micallef, li f'dak il-perjodu kienet is-sieħba tiegħu kif ukoll kellha tliet ulied komuni miegħu b'dana ukoll li kienu jgħixu flimkien matul il-perjodu ta' qabel ir-reat, biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' tagħha,** liema reat huwa aggravat peress li f'okkażżjoni minnhom twettqet vjolenza waqt it-twettiq tad-delitt;

**L-akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carmel Muscat**, ħati talli **ikkaġuna lil ħaddiehor biża' li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu,** u ċioe' **lil Shirley Micallef**, li dak iż-żmien kienet tgħix miegħu matul il-perjodu ta' qabel ir-reat kif ukoll kellha tliet ulied komuni, fejn f'okkażżjoni minnhom saħansitra twettqet vjolenza fuq l-imsemmija persuna, dana bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali;

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carmel Muscat** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' **priġunerija minn tlettax-il (13) xahar sa sentejn,** skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 17, 31, 251B, 222(1), 202(h)(iv)(v), 251H(f), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena ohra li tista' skond il-Ligi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi **Carmel Muscat.**

**IT-TIELET (3) KAP**

***Fastidju***

**Il-fatti:**

ILLI, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel żewg Kapi, l-akkużat **Carmel Muscat,** f'okkażżjonijiet separati u ripetuti kien jiffastidja lil Shirley Micallef sabiex tissoġġetta ruħha għall-atti ta' intimita fiżika, speċjalment meta l-akkużat kien ikun taħt l-effett tal-alkoħol, Shirley Micallef għalhekk kienet tispiċċa tipparteċipa f'dawn l-atti sesswali sabiex iżżomm il-kwiet u tevita tgħajjir u kliem oxxen u ġlied da parti tal-akkużat **Carmel Muscat;**

ILLI, l-agħar episodju, fejn Shirley Muscat ġiet iffastidjata sabiex tipparteċipa f'atti sesswali miegħu kien propju fid-disgħa (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u dsatax (2019) nhar l-għeluq snin tat-tielet wild tagħhom, il-mejta. Illi l-ġurnata ta' qabel u ċioe' fit-

tmienja (8) ta' Ottubru, Shirley Micallef ħarġet mal-akkużat **Carmel Muscat** fejn talbitu ma jdumux barra u dana sabiex l-għada filgħodu tkun tista' tmur fuq il-qabar tat-tifla tagħhom f'għeluq sninha. Illi kif appena waslu d-dar, l-akkużat **Carmel Muscat** dlonk beda jiffastdija lil Shirley Micallef sabiex ikollha x'taqsam miegħu sesswalment. Għalkemm Shirley Micallef talbitu bil-ħniena biex iħalliha bi kwieta, xorta waħda baqa' jiffastidjaha;

ILLI, meta ra l-attegjament negattiv u persistenti da parti ta' Shirley Micallef, u rrealizza li ma kienx se jġibha żewġ l-akkużat infexx f'għajjat u kliem ħażin u dispreggjativ fil-konfront tagħha apparti minn hekk Shirley Micallef spiċċat ukoll b'daqqa ta' ponn f'nofs rasha, u dan kollu għaliex Shirley ma riditx tipparteċipa f'atti sesswali miegħu;

ILLI, madanakollu dakinhar l-akkużat **Carmel Muscat**, ippakkja ħwejġu w telaq lejn id-dar ta' ommu fejn baqa jiffastidjaha billi jċemplilha fejn qagħad jgħajjara u joffendiha. Illi jingħad oltre li apparti dan kollu jirriżulta li qabel ma seħħ dan kollu l-akkużat **Carmel Muscat** waqqalha barmil mimli bl-awrina tiegħu mal-art, liema barmil kien iżomm fil-kamra tas-sodda, propju dakinhar tal-għeluq snin tat-tifla tagħhom li ħalliet din id-dinja, u dan kollu ġara minħabba li Shirley Micallef baqgħet tirrifjuta l-avvanzi sesswali tiegħu.

**Il-konsegwenzi:**

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Carmel Muscat** sar ħati talli fil-ġranet, gimgħat, xhur u snin ta' qabel it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), ġewwa l-gżejjer ta' Malta, **ġab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Shirley Micallef, membru domestiku meta kien jaf jew missu kien jaf li kien ta' fastidju għall-Shirley Micallef billi ssoġġettaha għal xi att ta' intimita fiżika, liema fastidju huwa aggravat stante li l-vittma Shirley Micallef għandha tlett ulied minn tiegħu kif ukoll kienet tgħix miegħu matul il-perjodu ta' qabel ir-reat,** dana bi ksur tad-dispożizzjonijet tal-Kodiċi Kriminali.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carmel Muscat**, ħati talli **ġab ruhu b'mod li ta' fastidju lil Shirley Micallef, membru domestiku, meta kien jaf jew missu kien jaf li kien ta' fastidju għall-Shirley Micallef billi ssoġġettaha għal xi att ta' intimita fiżika liema fastidju huwa aggravat stante li l-vittma Shirley Micallef għandha tlett ulied minn tiegħu kif ukoll kienet tgħix miegħu matul il-perjodu ta' qabel ir-reat.**

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carmel Muscat** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn seba' (7) xhur sa tlett (3) snin u tlett (3) xhur**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 251A(1)(a)(b)(c), 222(1), 202(h)(iv)(v), 383, 384, 385, 412C, 523A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**IR-RABA' (4) KAP**

*Ġriehi ħfief fuq Shirley Micallef*

**Il-fatti:**

ILLI, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' din l-Att ta' Akkuża u cioe' fil-lejl ta' bejn it-tnejn u għoxrin (22) u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), meta Shirley Micallef u l-akkużat **Carmel Muscat** kienu l-gym, jirriżulta li f'waqt minnhom, waqt id-dagħdija ta' tgħajjir u l-kliem dispreggjattiv fil-konfront tagħha, l-akkużat **Carmel Muscat** ħareġ sikkina, qisha mus, minn ġewwa l-kexxun, jhedded lil Shirley Micallef illi sejjer joqtol lilu nnifsu b'idejh jekk titilqu. Illi meta Shirley Micallef rat dan l-atteġjament, ġibdet is-sikkina minn idejh sabiex tevita li s-sitwazzjoni tispiċċa fi traġedja fejn spiċċat ingirfet f'idejha fin-naha tax-xellug.

ILLI wara li l-akkużat **Carmel Muscat** ġibed dan il-filmat sabiex jiddikreditaha, hekk kif indikat fl-ewwel Kap, l-akkużat kien aggressiv fil-konfront ta' Shirley Micallef fejn taha diversi daqqiet fuq wara ta' rasha kif ukoll benġilha f'diversi partijiet ta' ġisimha, in oltre gidimilha is-subgħa ta' idha x-xellugija kif ukoll gidmilha spallitha fuq wara fuq in-naha tax-xellug, hekk kif jixhdu r-ritratti esebiti fl-atti, kif ukoll beda jifgaha u kien f'dan il-mument illi Shirley Micallef ħasset illi ħajjitha ħa tintemm. Illi dan ma kienx biżżejjed għall-akkużat tant li meta ra li kienet f'sitwazzjoni tant vulnerabbli u meta talbitu għall-għajnuna flok wera xi tip ta' rimors qabadha minn xagħarha u beda jkaxkarha bħal donnu qed ikaxkar xi oġġett tqil bil-konsegwenza li spiċċat bla saħħa u abbużata sesswalment minnu.

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Carmel Muscat** sar ħati talli fil-lejl ta' bejn it-tnejn u għoxrin (22) u t-tlieta u għoxrin (23) u fil-ġranet, ġimgħat, xhur u snin ta' qabel din id-data, ġewwa l-gżejjer ta' Malta, **<u>ikkommetta offiżi ta' ġriehi fuq il-persuna ta' Shirley Micallef, liema offiżi jitqiesu li huma ħfief, għalkemm seta jkollom konsegwenzi aktar gravi, liema offiżi huma aggravati stante li l-vittma Shirley Micallef għandha tlett ulied minn tiegħu kif ukoll kienet tgħix miegħu matul il-perjodu ta' qabel ir-reat.</u>**

<u>L-**akkuża**:</u>

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija tul din l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carmel Muscat**, ħati talli **<u>ikkommetta offiżi ħfief fuq il-persuna ta' Shirley Micallef, liema offiżi huma aggravati stante li l-vittma Shirley Micallef għandha tlett ulied minn tiegħu kif ukoll kienet tgħix miegħu matul il-perjodu ta' qabel ir-reat.</u>**

**<u>Il-piena mitluba:</u>**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carmel Muscat** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' **tlett (3) snin priġunerija,** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 221(1), 222(1)(a),

202(h)(iv)(v), 383, 384, 385, 412C, 532 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

## <u>IL-HAMES (5) KAP</u>

***Tehid jew żvelar mhux konsenswali ta' films u ritratti sesswali***

**<u>Il-fatti:</u>**

ILLI, l-għada tal-inċident, Joshua Micallef, iben Shirley Micallef u l-akkużat **Carmel Muscat**, bagħat messaġġ lil ommu, li missieru kien qassam filmat intimu li fih jidhru Shirley Micallef u l-akkużat fuq l-*app* ta' *Facebook,* liema filmat kien ittiehed minnu xi żmien qabel u li kien l-istess filmat intimu li Shirley Micallef talbet lil akkużat **Carmel Muscat** sabiex iħassar qabel ma ġiet stuprata;

ILLI Shirley Micallef, fi stat ta' aġitazzjoni, bdiet iċċempel u tibgħat il-messaġġ lil akkużat **Carmel Muscat**, fejn matul il-kors tal-ġurnata Shirley Micallef saret taf illi dan il-filmat rawh ammont sostanzjali ta' nies, kemm dakinhar li ġie mxerred kif ukoll matul perjodu sostanzjali ta' żmien wara, saħansitra, ħbieb tal-ewwel żewg ulied tagħha bdew jibagħtu dan il-filmat lil dawn tal-aħħar mingħajr l-għarfien illi n-nies parteċipi fil-filmat huma filfatt il-ġenituri tal-istess ulied. Illi dan l-atteġġjament ħoloq paniku, despramen, dwejjaq u ħsara emozzjonali f' Shirley Micallef, primarjament għat-tixrid ta' filmat intimu mingħajr il-kunsens tagħha kombaċut mal-fatt ambarazzanti lit-tfal tagħhom kellhom jaraw lil ommhom u missierhom f'dik is-sitwazzjoni fuq sit soċjali;

ILLI l-akkużat **Carmel Muscat**, f'okkażżjonijiet diversi u ripetuti kien jirrikatta lil Shirley Micallef illi jrid ixerred xi ritratti tagħha sabiex iħammrilha wiċċha b'dana li Shirley Micallef ma setgħetx tara ragel, u għalhekk ried li jxerred tali filmat mal-erbat irjihat tad-dinja'

**Il-konsegwenzi:**

ILLI għalhekk, b'għemilu l-akkużat **Carmel Muscat** sar ħati talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), **bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, żvela film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna u cioe' Shirley Micallef, liema żvelar sar bħala mezz u fil-kuntest ta' rikatt.**

**L-akkuża:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carmel Muscat**, ħati talli nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), **bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, żvela film sesswali privat tal-imsemmija Shirley Micallef mingħajr il-kunsens tagħha, liema żvelar sar bħala mezz u fil-kuntest ta' rikatt.**

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carmel Muscat** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' sitt (6) snin u tlett (3) xhur priġunerija,** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 208E(1)(2)(3)(4), 383, 384, 385, 412C, 532A, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi Carmel Muscat.

**IS-SITT (6) U L-AHHAR KAP**

*Inġurji u theddid barra l-limiti tal-provokazzjoni*

**Il-fatti:**

ILLI, l-akkużat **Carmel Muscat** fl-istess ċirkostanzi msemmiha tul din l-Att ta' Akkuża, jhedded, jinsulenta u jkellem b'mod dispregjattiv lil Shirley Micallef, b'dan kollu jsir bl-intendiment, illi joħroġ xi tip ta' reazzjoni minn Shirley Micallef, u b'tali

reazzjoni hu jkun jista' jdawwar is-sitwazzjoni favurih, dejjem sabiex jgħaddi lil Shirley Micallef bħalha mara li tbati mill-mard mentali;

ILLI, it-theddid u l-ingurji kienu jsehhu senjatament meta Shirley Micallef kienet tirrifjuta l-avvanzi sesswali tal-akkużat **Carmel Muscat**, iżda u mhux forsi l-iktar atti dispregjattiv u inġurjużi li l-akkużat setgħa jagħmel lil Shirley Micallef kienu li b'mod kontinwu jgħidilha u jgħajjarha bl-iskuża tkun illi Angel u cioe' t-tielet wild mejta tagħhom mhux tieghu;

**Il-konsegwenzi:**

ILLI għalhekk b'għemilu, l-akkużat **Carmel Muscat** sar ħati talli fil-ġranet, ġimgħat, xhur u snin ta' qabel it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020), ġewwa l-gzejjer ta' Malta, **għamel lil ħaddiehor u cioe' lil Shirley Micallef, inġurji u theddid, b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.**

**L-akkuza:**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Carmel Muscat**, ħati talli fil-granet, ġimgħat, xhur u snin ta' qabel it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ġewwa l-gżejjer ta' Malta, **għamel lil ħaddiehor u cioe' lil Shirley Micallef, inġurji u theddid, b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;**

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Carmel Muscat** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**perjodu ta' detenzjoni sa xahrejn (2),** skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 12, 31, 339(1)(e), 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi **Carmel Muscat.**

Rat id-digriet ta' astensjoni magħmul mill-Onor Imhallef Dr Natasha Galea Sciberras nhar it-30 ta' Jannar 2024;

Rat id-digriet maħruġ mil-STO l-Prim Imħallef nhar is-7 ta' Frar 2024 fejn assenja din il-kawża lil din il-Qorti kif preseduta;

Rat dak li ġie verbalizzat fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2024 fejn il-partijiet iddikjaraw illi f'din il-kawza illum pendenti quddiem din il-Qorti hemm l-eċċezzjonijiet enumerati minn numru ħamsa (5) sa disgħa (9) kif inseriti fl-atti a fol. 21 li jikkonċernaw l-ammissibilita' o meno tax-xhieda indikati f'dawn l-istess eċċezzjonijiet.

Semgħet lill-partijiet jiddikjaraw ukoll fis-seduta tat-18 ta' Lulju 2024 li qed jirrimettu ruħhom għas-sottomissjonijiet orali li saru minnhom fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2023 quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

__Ikkunsidrat,__

**Il-Hames eċċezzjoni – Ix-xhieda ta' Joshua u Maxnbel Muscat mogħtija fl-Isruttorja ukoll hija inammissibli fin-nuqqas illi dawn fl-istadju proprju jiddikjaraw illi huma ma jixtiequx jinvokaw id-diskrezzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti kif predisposta fl-Artikolu 633(2) tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta.**

Minn eżami tal-atti jirriżulta li x-xhieda Joshua u Maxanbel huma ulied l-akkużat u allegatament kienu xhieda ta' dak li kien għaddej bejn il-ġenituri tagħhom Shirley Micallef u l-akkużat. Jirriżulta mill-verbal tal-Qorti datat l-1 ta' Settembru 2020 (fol. 128) li Joshua Muscat u Maxanbel Muscat ħadu l-pedana tax-xhieda u wieġbu l-mistoqsijiet li ġew imposta lilhom. Pero min imkien ma jirriżulta li dawn ix-xhieda ġew mgħarrfa bid-dritt tagħhom li ma jixhdux minħabba l-qrubja tagħhom mid-demm mal-akkużat minkejja li l-akkużat huwa missierhom. Huwa minnu li l-Qorti jibqala' id-diskrezzjoni tagħha jekk għandhiex tilqa' talba ta' xhieda ulied akkużat li ma jixhdux kontra missierhom pero dan id-dritt għandu jiġi mogħti lilhom qabel ma jixhdu sabiex il-Qorti tkun taf x'inhi ix-xewqa tagħhom.

L-**artikolu 633 (2) tal-Kodiċi Kriminali** jipprovdi s-segwenti:_

> *633(2) Madankollu, jitħalla fid-diskrezzjoni tal-qorti, li tieħu qies tal-grad ta' qrubija tax-xhud mid-demm, tal-mod li bih huwa juri li kieku ma jixtieqx jixhed kontra s-sieħeb tiegħu jew tagħha f'unjoni ċivili jew kontra l-koabitant tiegħu jew tagħha, kontra axxendent jew dixxendent, jew kontra ħuh, oħtu, iz-ziju, in-neputi, u ta' ċirkostanzi partikulari oħra tal-każ, biex ma ġġegħelx jixhed ix-xhud illi juri li jixtieq li ma jixhedx kontra persuna li tiġi minnu f'xi wieħed jew ieħor mill-gradi hawn fuq imsemmija.*

Għalhekk din hija materjal li trid fl-ewwel lok tinġieb a konjizzjoni tax-xhud, imbagħad il-Qorti tara jekk dak ix-xhud iridx jiddeponi u fit-tielet lok il-Qorti tuża id-diskrezzjoni tagħha jekk għandiex teżenta lix-xhieda milli jixhdu wara li jqisu il-qrubija tax-xhieda mal-akkużat mid-demm tal-mod li bih huma juru li ma jixtiequx jixhdu kontra f'dan il-każ missierhom. Din il-Qorti kif ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet (vide **Ir-<u>Republika ta' Malta vs Carmelo Camilleri</u>** deċiża nhar 2 ta' Dicembru, 2010) tirriżerva li tipprovdi waqt il-ġuri w cioe` wara li tkun saritilha talba - jekk issir – mix-xhieda Joshua u Maxanbel aħwa Muscat biex huma jiġu eżentati milli jixhdu kontra l-akkużat u wara li tqies jekk tali eżenzjoni hix leġittima skond dak li jipprovdi l-artikolu 633(2) tal-Kodiċi Kriminali w ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, li jkunu biss magħrufa waqt l-andament tal-ġuri.

Għalhekk tali eċċezzjoni f'dan l-istadju qed tiġi miċħuda u cioe sabiex il-Qorti tiddikjara x-xhieda ta' Joshua u Maxanbel aħwa Musat bħala inammissibli b'dan illi pero meta tali xhieda jinġiebu quddiem il-Qorti biex jixhdu għandhom fl-ewwel istanza jiġu mgħarfa b'dak li jiddisponi l-aritkolu 633(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jekk jagħżlu li ma jixhdux il-Qorti teżenthom milli jghatu x-xhieda tagħhom ikun f'dak l-istadju li l-Qorti tiddikjara li x-xhieda mogħtija minnhom quddiem l-ewwel Qorti għandha tiġi skartata u dikjarata mhux ammissibli u mhux qabel. Din l-eccezzjoni qed tiġi miċħuda.

**Is-sitt eċċezzjoni – Illi kemm ix-xhieda ta' u l-istess Anna Bugeja mogħtija fl-istruttorja kif ukoll l-istess Anna Bugeja bħala xhud huma inammissibli peress illi huwa evidenti illi buona parti mix-xhieda ta' l-istess xhud hija bbażata fuq relazzjoni ta' terzi u fejn mhiex hekk xorta hija waħda manifestament irrelevanti.**

Għal dak li huwa hearsay evidence l-liġi tipprovdi li l-Artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-hearsay evidence, u rezi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-Artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

598. (1) Bħala regola, il-Qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.
(2) Il-Qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.
(3) Iżda l-Qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet.

599. Il-Qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

Fil-kawża deċiża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Janis Caruana</u>**[1], **il-kwistjoni tal-hearsay evidence kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:**

> *Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:*
> *'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'*
> *Fil-fatt fil-kawza **<u>Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija</u>**[2] il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:*
> *'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan ilħaddieħor. Ċertament il-kliem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi mill-konlużjoni tal-ewwel qorti (li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'*
> *Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil- każ '**<u>Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom</u>**[3]' qalet hekk f'paragrafu 130: 'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'*
> *Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-*

[1] Deciza mill-Qorti t'Appell Kriminali nhar l-14 ta' Mejju, 2012
[2] Deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar, 1988
[3] App. 26766/05 and 22228/06 (QEDB, 15 ta' Dicembru 2011

*Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni tal-artikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).*
*Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ '**Al-Khawaja vs UK**' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel ir-rapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.*
*Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat lartikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Irrapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi**[4], il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta' inammissibilita` wara li kkunsidrat: "Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa **Subramaniam v. Public Prosecutor** fejn insibu dan il-kliem:*
*'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'*
*"Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ* ***'Joseph***

[4] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar l-24 t' Ottubru 2011

***Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija'*** *(13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali.*

*Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt:* ***Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja****[5]).*

*Reċentement il-Qorti tal=Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk: "*

***'... Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għallapprezzament li tagħmel il-Qorti****.' ('****Il-Pulizija versus Fabio Schembri'****[6] preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."*

*Illi sussegwentament fis-sentenza fl-istess ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi****[7] mbagħad din il-Qorti kienet ikkummentat hekk:*

*"* ***... Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun***

---

[5] Deciza mill- Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar 26 ta' Mejju 2005

[6] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar l-1 t' April 2011

[7] Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-31 ta' Jannar, 2018

***qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra[8]." Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.***

***Iżda huwa proprju għalhekk li l-proċess tal-ġuri huwa presedut mill-Imħallef togat sabiex dan jassigura li tali abbuż ma jsirx. L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużat fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skont il-liġi."***

***Minn dan it-tagħlim ġurisprudenzjali jirriżulta illi sta għall-Imħallef togat waqt il-ġuri sabiex jara illi ma jsirx abbuż u billi jikkontrolla x-xhieda u jispjega lill-ġurati rigward ir-regoli tal-hearsay evidence. Magħdud dan allura din il-Qorti ma tistax taqbel ma 'l-eċċezzjoni sollevata mill-akkużat illi a priori, x-xhieda minnu ndikati huma inammissibbli. Illi fuq kollox għalkemm l-akkużat jilmenta illi x- xhieda minnu ndikati jikostitwixxu hearsay evidence, hu ma jindikax liema parti tax-xhieda huwa qiegħed isib oġġezzjoni għaliha u din il-Qorti ma tistax ċertament f'dan l-istadju teżamina l-atti bil-għan illi tagħmel apprezzament ta' dak li jingħad billi dan il-kompitu għadu jitħalla f'idejn il-ġurija popolari dejjem bis-salvagwardja illi kif ingħad jinagħtaw direzzjoni mill-Imħallef togat dwar l-ammissibbilita o meno ta' xi partijiet mix- xhieda[9]***

[8] Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar it-30 ta' Lulju 2015

[9] Ara wkoll Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Lebrun deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-31 ta' Jannar, 2018

Illi id-difiża issostni ukoll li parti mix-xhieda ta' din Anna Bugeja hija rrelevanti. Dak li hu irrelevanti hija kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt u dan hu l-eżercizzju imholli lil gurati. Rilevanza u ammissibilita huma żewġ kunċetti differenti. Il-kwisjtoni ta' relevanza tiġi deċiża mill-gurati. Għalhekk ix-xhieda ta' Anna Bugeja għandha tibqa' inserita fl-atti u dikjarata ammissibli waqt li x-xhud Anna Bugeja m'għandhiex tiġi dikjarata bħala xhud inammissibli iżda ix-xhieda tagħha għandha tiġi eżaminata b'kawtela minn min irid jiġġudika l-fatti u cioe mill-ġurija wara li din il-Qorti tispjega lill-istess gurati l-import u sinjifikat ta' xhieda diretta u indiretta. Din is-sitt eċċezzjoni qeda tiġi ukoll miċħuda.

**Is-sebgħa eċċezzjoni – Ix-xhieda ta Carol Ellul u Redent Frrugia dwar id-dokument Dok AB5 (risk assessment report) u l-istess dokument innifsu huma manifetament inammissibli bħala provi ghaliex jikkostitwixxu prova meħuda fuq relazzjoni ta' terzi kif ukoll opinjoni inammissibli.**

Jingħad li dak li x-xhieda Carol Ellul u Redent Farrugia huma xhieda ordinarji u għalhekk ma jistgħux jgħatu oppinjonijiet iżda għandhom jirraportaw biss fatti. Il-fatt li huma xhieda ordinarji ma jikkwalifikawx biex jitħallew jagħtu l-opinjonijiet tagħhom. Madankollu, dan anke jekk hu l-każ, bl-ebda mod ma jfisser illi x-xhieda tagħhom hija inammissibli iżda għandha titqies bħala xhieda mogħtija minn xhud ordinarju u dak kollu li setgħu jikkonstataw huma fattwalment, jista' jinġieb u jintuża bħala prova. Għar-rigward dak li setgħu qalu bħala xhieda li hija bażata fuq relazzjonijiet ta' terzi din xorta għandha tiġi kunsidrata bħal xhieda ammissibli u hija biss l-kompitu tal-ġurati li jeżaminaw tali xhieda jifluha u jaraw jekk għandhomx jiskartaw tali xhieda f'każ li jirriżultalhom li tali xhieda ma segwitx ir-regoli tal-evidenza fil-proċedura penali. Apprezzament ta' provi hija imħollija dejjem fid-diskrezzjoni u ġudizzju tal-ġurati. **Din l-eċċezżjoni qeda ukoll tiġi miħuda.**

**It-Tmien eċċezzjoni – Illi għall-istess raġunijiet fl-eċċezzjoni preċedenti Dok KBK ukoll jikkostitwixxi prova inammissibli.**

Il-Qorti fliet il-proċess u rat li Dok KBK esebit fl-atti fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2021 (fol. 339) mix-xhud Spettur Kylie Borg huwa referral for Domestic Violence Unit redatt mix-xhieda ta' Carol Ellul u Roberta Formosa wara li tkellmu mal-allegat vittma Shirley Micallef. Illi dan ir-rapport irid jiġi konfermat minn tali xhieda quddiem il-ġurati qabel ma jista jtiqies bħala prova ut sic. Għar-raġunijiet imsemmija aktar il-fuq u a skanz li jiġi evitat ripetizzjoni tiddikjara li dan id-dokument huwa prova ammissibli. Sta għal ġurati jaraw il-prova probatorja tiegħu fi stadju ulterjuri meta jkun qed jiġi ċċelebrat il-ġuri.

**Id-disgħa eċċezzjoni – Illi x-xhieda ta' Carisia Sammut fl-intier tagħha salv fen tikkonferma xi ritratti meħuda minnha stress di persona hija inammisbbli għaliex ukoll hija xhieda bbażata fuq relazzjoni ta' terzi.**

A skanz ta' repetizzjoni dak li intqal supra fir-rigward tas-sitt eċċezzjoni japplika mutatis mutandi f'dan ir-rigward u tiddikjara li x-xhieda ta' Carisia Sammut hija ammissibli inkluż ir-ritratti meħuda minnha u sta għal ġuratai li jgħatu l-valur probatorju ta' tali xhieda wara li jkollha l-gwida neċessarja mill-Qorti ta' kif għandhom japprezzaw xhud.

Għaldaqstant din il-Qorti qeda tiċħad l-eċċezzjonijiet KOLLHA tal-akkużat u tordna kontinwazzjoni tal-kawża.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**
**Onor Imhallef**

**Maria Grech**

**Deputat Registratur**